MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**NADIA H. VELLA**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2013

Talba Numru. 489/2012

**GO p.l.c.**

**vs.**

**Eleanor Vella Mintoff K.I. 165180 (M)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi li permezz tiegħu is-soċjeta′ attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenuta tas-somma ta' tliet mija u tlieta u għoxrin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€323.78), in konnessjoni mas-servizzi ta' komunikazzjoni bl-akkont numru *A/C80017190* reżi mis-soċjeta′ attriċi lill-konvenuta;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenuta ġiet debitament notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, hija ma kkontestatx il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi, u lanqas fit-terminu konċess ulterjorment mit-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjeta′ attriċi is-somma ta' tliet mija u tlieta u għoxrin Ewro u tmienja u sebgħin ċenteżmu (€323.78), bl-imgħax legali dekorribbli mit-12 ta' Lulju 2012, li hija d-data tal-ppreżentata tal- Avviż tat-Talba, sad-data tal-pagament effettiv. L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------